*- Fażi rexxissorja ta' kawża ta' ritrattazzjoni*

*- Il-prova dijabolika fl-azzjoni rivendikatorja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 t'April, 2021.**

**Rikors Nru. 716/14GM**

**Wara s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti**
**fl-24 ta' Ġunju 2014 fil-kawża**
**Rikors Ġuramentat 1149/2013 SM fl-ismijiet**
**Carmenu Debono (ID 24155M)**
**vs**
**Anton Grech (ID 205276M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni li permezz tiegħu Anton Grech talab it-tħassir tas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2014 fil-kawża numru 1149/2013 fl-ismijiet premessi billi ma kienx ġie notifikat biha kif ukoll minħabba żball ta' fatt li jirriżulta mill-atti tal-istess kawża.

Rat is-sentenza tagħha tat-2 t'April 2019 li permezz tagħha ħassret is-sentenza tagħha (diversament ippreseduta) tal-24 ta' Ġunju 2014 fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 1149/2013 u ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-istess kawża. B' hekk il-Qorti ddisponiet mill-istadju *in rescindente* tal-azzjoni tar-ritrattazzjoni.

Miksuba r-revoka, issa jmiss l-istadju *in rescissorio* tal-ġudizzju, jiġifieri "*di riaprire la trattazione della causa e provocare una altra sentenza*".[1]

Għalhekk il-Qorti reġgħet rat l-atti tal-kawża ritrattanda.

Rat ukoll l-atti ta' din il-kawża.

Fil-kawża 1149/13, Carmenu Debono kien ippreżenta Rikors Maħluf li permezz tiegħu, wara li ppremetta li:

1. Ir-rikorrenti huwa sid il-garaxx bl-isem ta' Paul Garage Triq San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex.

2. L-intimat huwa sid ta' garaxx ieħor li jinsab kontigwu mal-proprjeta' tar-rikorrenti, liema garaxx tal-intimat jismu 'Anton', Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex.

3. Bejn il-garaxxijiet tal-partijiet tezisti bitħa zgħira jew aħjar 'shaft' liema bitħa hija proprjeta' tar-rikorrenti u dana kif ser jirrizulta waqt is-smigħ tal-kawza.

[1] Vol. XXII.iii.235; Vol. XLVI.i.90

4. Illi minkejja li l-imsemmija bitħa hija proprjeta' tar-rikorrenti, l-intimat qed igwadi dina l-bitħa billi l-istess bitħa giet diviża minn mal-proprjeta' tar-rikorrenti b'mod li għalhekk qed tintuża illegalment u abbużivament mill-intimat meta di fatti l-msemmija bitħa hija kif ingħad proprjeta' tar-rikorrenti.

5. L-intimat ġie interpellat sabiex jagħmel ix-xogħol rimedjali sabiex l-imsemmija bitħa terġa' tiġi parti integrali mill-garaxx tar-rikorrenti izda l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab li:

1. Tiddikjara illi l-bitħa kontigwa u fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx proprjeta' tar-rikorrenti bl-isem ta' Paul Garage, Triq San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex hija in effetti proprjeta' tar-rikorrenti;

2. Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju, taħt is-sorveljanza ta' perit arkitett jagħmel ix-xogħol meħtieg sabiex ineħħi l-access li jagħti għal bitħa msemmija min-naħa tal-garaxx proprjeta' tiegħu li jismu 'Anton', Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex.

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex f'kaz li tali xogħlijiet ma jsirux jagħmel huwa l-imsemmija xogħlijiet a spejjes tal-intimat.

Anton Grech, konvenut fl-istess kawża, eċċepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu respinti u dan stante illi l-esponenti għandu l-pussess tal-proprjeta' u ilu

jiddetjeni l-pussess tal-istess sa minn meta akkwista l-post permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood fid-9 ta' Novembru 2005.

Illi qabel dan il-post gie okkupat minn ċertu Maria Dolores sive Moira Pace li da parti tagħha kienet akkwistat il-post b'kuntratt tal-atti tan-Nutar Marco Coppini tat-18 ta' Jannar 1989 u minn indagni li l-esponenti għamel, jirriżulta illi l-fond ilu fl-istess stat bħalma huwa llum sa minn meta sar il-bejgħ originali fit-18 ta' Jannar 1989.

Illi mill-1989 sal-lum la r-rikorrenti u lanqas il-predeċessuri fit-titolu tiegħu ma kellhom il-pussess tal-bitħa in kwistjoni u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt kemm kif fuq ingħad u anke billi kwalsiasi pretenzjoni hija preskritta bil-preskrizzjoni akkwizittiva taht l-Artikolu 2158 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili u preskrizzjoni estintiva taħt id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2143.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel kawża, l-attur Carmenu Debono eżerċita l-azzjoni rivendikatorja. Permezz tagħha talab li jieħu lura bitħa li tinstab fil-pussess tal-konvenut Anton Grech u li jsostni li hija tiegħu. Il-bitħa tinstab wara garaxx tal-attur kif ukoll fuq wara ta' garaxx ieħor tal-konvenut li jmiss mal-istess bitħa fuq in-naħa ta' wara tiegħu. Iż-żewġ garaxxijiet huma ppożizzjonati ma' xulxin forma ta' kartabun.
L-ewwel li xtara kien il-konvenut, li akkwista l-fond tiegħu permezz ta' att ta' xiri mingħand Maria Dolores sive Moira Pace tad-9 ta' Novembru 2005.[2] Il-fond huwa deskritt bħala "garaxx numru 5 fuq pjanta annessa ma' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mark Coppini tat-18 ta' Jannar 1989. Għalhekk, mal-kuntratt esibit m'hemmx pjanta; u ma ġiex esibit il-kuntratt tal-1989, li kien komplut bil-pjanta.

[2] fol 134 fl-atti tar-rikors ta' ritrattazzjoni numru 716/2014, fol 134

Effettivament, mill-provenjenza tal-istess kuntratt jidher li kien permezz tal-kuntratt tal-1989 li Moira Pace u żewġha xtraw il-fond li sussegwentement biegħu lill-konvenut. M'hemm l-ebda riferenza għall-bitħa fl-att tal-akkwist tal-konvenut.

L-attur akkwista l-garaxx tiegħu permezz ta' att ta' xiri tat-3 ta' Lulju 2007.[3] Mal-kuntratt ġiet annessa pjanta, ukoll esibita, li turi l-garaxx li xtara, aċċessibbli għal bitħa fuq in-naħa ta' wara tiegħu. Mill-istess pjanta[4], jidher li din il-bitħa kienet aċċessibbli biss mill-garaxx tal-attur. L-attur esebixxa wkoll pjanta approssimattiva li pinġa hu stess[5].

L-attur xehed li għalaq il-bieb li jagħti għall-bitħa b'sitt filati brikks, u li l-konvenut fetaħ bieb u tieqa u kesa l-bitħa bil-madum. Ma jsemmi l-ebda data ta' meta għalaq il-bieb bil-brikks, jew meta l-konvenut fetaħ l-apperturi u kesa l-bitħa bil-madum.[6]

Moira Pace, is-sid preċedenti tal-fond tal-konvenut, xehdet li l-bitħa kienet aċċessibbli mill-fond li sussegwentement akkwista l-konvenut sa minn meta xtrat il-fond fil-1988. Saqqfet il-bitħa biex tpoġġi fiha l-merkanzija billi kienet tuża l-fond bħala mini-market, li operat sal-1997. Ma tgħidx meta saqqfet il-bitħa.[7] Ma sarilhiex kontro-eżami.

Kemm il-konvenut kif ukoll missieru Philip Grech xehdu li l-uniku access għall-bitħa kien mill-post tagħhom. Anton Grech xehed li meta xtara l-post, il-bitħa

[3] Ippubblikat min-Nutar Maria Spiteri, esibit a fol 38 tal-proċess tar-Rik. Ġur. 1149/2013
[4] Dok CD-2 esibita a fol 44 tal-proċess Rik. Gur. 1149/2013
[5] immarkata Dok CD3
[6] fol 35 Rik. Gur. 1149/13
[7] fol 80, Rik. 716/2014

kienet imsaqqfa.  Missieru waħħal il-madum fil-bitħa ftit xhur wara li xtara l-post u neħħa t-tisqifa.

L-attur ipproduċa bħala xhud lil Karen Busuttil li tgħix fi proprjeta` sovrastanti l-bitħa, li tidher mill-post tagħha.  Kienet tmur is-supermarket li kien hemm fil-fond tal-konvenut.  Qatt ma rat bibien jew twieqi fuq in-naħa ta' wara tal-ħanut. Kienet ilha toqgħod f'dan il-post (Constantine) xi seba' snin (xehdet 19.09.2020).[8]  Qabel kienet toqgħod f'post ieħor fl-istess blokka, li xtara s-sieħeb tagħha iktar minn għaxar snin qabel.  Tiftakar lil Moira topera s-supermarket. Dam snin magħluq.   Skont ix-xhud is-supermarket ma kinitx taralu aperturi fuq il-bitħa.  L-uniku access li kienet tara kien bieb tal-aluminju tal-attur, li f'xi żmien għalqu bil-ġebel.  Għall-bidu li xtara l-post tiegħu l-attur, kienet taraħ fil-bitħa, kif ukoll lil oħtu Rose; qatt ma rat li Moira.

Ikkunsidrat:

Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur irid l-ewwel u qabel kollox jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjeta`.  Hemm opinjoni preponderanti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li dan il-piż fuq ir-rivendikant għandu jitqies b'mod mill-iktar rigoruż.  Min-naħa l-oħra, hemm minoranza tal-imgħallmin tal-liġi li ssostni li l-piż probatorju m'għandux ivarja skont it-tip t'azzjoni li tiġi mressqa.[9]

Skont il-fehma maġġoritarja, l-attur irid jipprova **li kiseb il-proprjeta` li jkun irid jirrivendika b'mod leġittimu,** b'mod **oriġinali** u mhux sempliċiment **derivattiv.**

[8] fol 114, Rik. 716/2014
[9] Tabet,  228

**Artiku 560 tal-Kodiċi Ċivili** jelenka l-modi kif il-proprjeta` tista' tiġi miksuba u ttrasferita:

> **(1) Il-proprjeta` u l-jeddijiet l-oħra fuq il-ħwejjeġ, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ, jistgħu jiġu akkwistati u ttrasferiti b'suċċessjoni, jew bis-saħħa ta' ftehim, jew bil-preskrizzjoni.**
>
> **(2) Il-proprjeta` tista' wkoll tiġi akkwistata u ttrasferita b'okkupazzjoni jew b'aċċessjoni.**

L-okkupazzjoni hija l-att li bih wieħed jieħu pussess ta' ħaġa korporali li mhix, iżda tista' tkun, il-proprjeta` ta' xi ħadd, bil-ħsieb li jagħmilha tiegħu. Min jokkupa l-ħaġa jakkwista l-proprjeta` tagħha, kemm-il darba l-liġi ma tkunx tgħid xort'oħra.[10] Fi kliem ieħor, l-okkupazzjoni hija l-akkwist, permezz tal-pussess, ta' *res nullius*. Bla dubbju dan hu mezz **oriġinali** per eċċellenza ta' kif wieħed jakkwista l-proprjeta`, għaliex permezz tagħha wieħed isir l-ewwel sid tagħha. Bis-saħħa tas-suċċessjoni, jew il-ftehim, il-proprjeta` tbiddel is-sid; timxi minn id għall-oħra; u allura tinkiseb b'mod **derivattiv.**

Mhux biżżejjed li l-attur jesebixxi titlu t'akkwist **derivattiv** (bħal per eżempju x-xiri) għaliex titlu bħal dan ma jippruvax b'ċertezza li huwa sar sid tal-ħaġa (seta' xtara mingħand xi ħadd li ma kienx is-sid), skont l-assjoma: *nemo plus iuris in alium transferre potest quam ipse habeat.* Trid issir prova aqwa minn hekk: dik li l-attur jew xi wieħed mid-danti kawża tiegħu kienu bla dubbju sidien billi kienu akkwistaw b'titlu **oriġinali**. Din il-prova tissejjaħ **dijabolika,** jġifieri prova li biex tinġieb huwa estremament diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli.

Biex jegħleb din id-diffikulta`, **Pothier**, li fuq il-kitba tiegħu ġie mfassal il-kodiċi ċivili Franċiż, irrikorra għall-prinċipju tal-ekwita`- ħaġa li kien jagħmel ta' sikwit - u llimita l-piż tal-prova għal dik tal-aħjar titlu tar-rivendikant. Din tixbaħ lit-

[10] Artiklu 561 tal-Kodiċi Ċivili

teorija tal-azzjoni pubbliċjana li kienet teżisti fid-dritt Ruman. Skontha, min kellu titlu ġust u pussess in bona fede, pussess li jitlef qabel ma tkun ġiet kompluta l-użukapjoni, seta' jeħodha lura mingħand kull min kien jokkuppaha bi dritt inqas, jew b'ġustifikazzjoni iktar dgħajjfa. Tal-istess fehma kienu **Aubry et Rau** li kitbu wara l-promulgazzjoni tal-istess kodiċi.[11] **Laurent** jirribatti l-ħsieb ta' Aubry u Rau billi jsostni li wara l-promulgazzjoni tal-kodiċi ma kienx iktar permissibbli li wieħed japplika l-ekwita`, għaliex l-interpreti kienu marbutin li josservaw it-testi tal-liġi u l-prinċipji fformulati permezz tagħhom. Jirraġuna li l-liġi ma tagħmel l-ebda eċċezzjoni għall-ħtieġa li l-prova tal-proprjeta` ssir permezz tal-akkwist oriġinali u għalhekk mhux leċitu li wieħed jirrikorri għall-azzjoni pubbliċjana li kienet eċċezzjoni fid-dritt Ruman filwaqt li m'hemm l-ebda eċċezzjoni bħalha fil-kodiċi.[12]

Wara żmien ta' sentenzi konfliġġenti, dan l-aħħar il-Qorti tal-Appell jidher li kkristallizzat l-iskola ta' ħsieb li tirriġetta l-azzjoni pubbliċjana fid-dritt tal-lum:

> "Sabiex jitneħħa kull ekwivoku u ma tinħoloqx l-impressjoni illi l-azzjoni *publiciana* hija xi forma "ekonomika" tal-azzjoni *rei vindicatoria* – speci ta' *actio rei vindicatoria "lite"* li l-attur jista' liberament jagħżel bejn waħda u l-oħra – il-qorti tosserva illi dik li llum tissejjaħ *actio publiciana* ma hijiex l-azzjoni *publiciana* tad-dritt Ruman. L-*actio publiciana* kienet *actio utilis ficticia in rem* li l-pretur kien jagħti lil min *cum iusta causa* iżda b'mod ta' akkwist li ma jiswiex għat-trasferiment ta' *res mancipi – e.g. traditio* flok *mancipatio* jew *in jure cessio* – ikun kiseb *res mancipi* u jkun kisibha *a domino*, u jitlef il-pussess tal-ħaġa qabel ma jkun laħaq għadda ż-żmien biex ikun ikkonsolida t-titolu u kiseb il-proprjetà b'*usucapio*. B'finzjoni li għadda żmien biżżejjed biex seħħet *usucapio* l-pretur kien jippermetti lill-attur li jikseb lura l-pussess ukoll mingħand is-sid kwiritarju. Fid-dritt modern ma

[11] Aubry et Rau, Vol II, § 219, 1 (b) n.6
[12] Laurant, Vol 6, n. 169

għadx hemm id-distinzjoni bejn *res mancipi* u *res nec mancipi* u għalhekk strettament ma hemmx lok għall-azzjoni *publiciana,* lanqas favur min ikun kiseb immobbli mingħajr att pubbliku". [13]

Il-Qorti Suprema ta' Torin ipprecizat li l-livell meħtieġ fl-azzjoni rivendikatorja huwa ta' "***prova diretta, indipendente e assoluta.***" Għalkemm il-preżunzjonijet huma ammessi, dawn iridu jkunu bbażati fuq il-konkors ta' fatti gravi, preċiżi u konkordanti li minnhom l-imħallef jista' permezz tal-induzzjoni jislet il-konvinċiment tal-eżistenza tal-fatti allegati mill-attur. Id-dikjarazzjoni li l-attur għandu dritt iktar probabbli minn dak tal-konvenut huwa bbażat fuq il-preżunzjonijiet ta' fatti li ma jilħqux il-livell meħtieġ, għaliex huma indiretti, u mhux assoluti għaliex jiddependu fuq id-diskrezzjoni tal-imħallef.

Il-livell strett tal-prova ġie enfasizzat riċentement fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Portelli v Portelli**:

"Huwa magħruf li f'azzjoni rivendikatorja, l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubbju – ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet **Borg v. Buhagiar**. F'dik il-kawża intqal illi kwalunkwe dubbju għandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* "*L'attore rivendicante deve provare in modo posittivo la proprieta` che reclama e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprieta' perche il convenuto che e al possesso dev'essere assolto delle domanda".* **(Vol. XXIX.ii.488)**. Dan huwa biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet **Anthony Mercieca v. Anthony Buhagiar** fit-23 ta' Ottubru 2001 fejn ġie ċitat ukoll

[13] Richard England v Joseph Muscat 29.10.2018 Qorti tal-Appell (Onor. G. Caruana Demajo, Onor. Noel Cuschieri, Onor. Anthony Ellul)

l-awtur **Torrente.”**[14]

Wara snin ta’ pronunzjamenti mod ieħor, skont il-ġurisprudenza l-iktar riċenti, huwa dejjem l-attur li fl-ewwel lok irid jipprova t-titolu tiegħu, kemm jekk il-konvenut possessur ikun iddefenda ruħu bil-pussess, u kemm jekk ikun invoka t-titolu fuq l-art mertu tal-azzjoni. L-attur f’kawża rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta’ proprjeta` fuq il-ħaġa rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b’mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken, imur favur il-konvenut possessur.[15]

Il-ħtieġa tal-prova dijabolika ġiet imtaffija f’ċerti ċirkostanzi:

- Ir-rivendikant hu meħlus mill-piż li jipprova li hu sid jekk il-konvenut ma jikkontestax id-dritt ta’ proprjeta` tal-attur imma jopponi titlu personali jew dritt reali limitat ta’ tgawdija.[16]
- Il-konvenut jammetti, imqar impliċitament li wieħed mid-danti kawża tal-attur kien sid tal-ħaġa, f’liema każ l-attur jista’ jillimita ruħu li jipprova t-titli tal-akkwist li jmorru lura sa dan id-danti kawża.[17]
- Fil-ġurisprudenza, kemm Taljana kif ukoll Maltija, meta l-konvenut jivvanta titlu proprju tal-akkwist, bħall-użukapjoni, mingħajr ma jikkontesta t-titlu tal-akkwist tal-attur. B’danakollu hemm sentenzi li jikkonfermaw orjentament iktar rigoruż. F’Malta, is-sentenzi l-iktar riċenti tal-Qorti tal-Appell qegħdin isegwu dan l-aħħar orjentament.[18]

---

[14] William Portelli v Peter Paul Portelli 27.09.2019 Qorti tal-Appell (S.T.O. Joseph Azzopardi, Onor. Giannino Caruana Demajo, Onor. Noel Cuschieri)

[15] **Mario Galea Testaferrata et v. Giuseppi Said et** (Q. App. 1 ta’ Lulju 2005) iċċitata mill-Qorti tal-Appell in re: Emanuel Cauchi v George Grech 27.03.2020 (S.T.O. Joseph Azzopardi, Onor. Giannino Caruana Demajo Onor. Anthony Ellul)

[16] C. Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol 6, La Proprieta` para 210, p. 421- 424

[17] ibid.

[18] Ibid.

- Il-konvenut ma jikkontestax li t-titli tiegħu u tal-attur u jkunu provenjenti mill-istess dante kawża.[19] Din is-sitwazzjoni ġiet imsejħa – improprjament bħala waħda tal-publiciana: "Dak l-isem iżda ngħata lill-azzjoni fejn l-attur juri titolu u kemm l-attur u kemm il-konvenut jippretendu titolu fuq il-ħaġa mingħand l-istess awtur, u f'dik is-sitwazzjoni jirbaħ min ikollu l-aħjar titolu fis-sens ta' prijorita`."[20]
- L-attur iġib il-prova tal-użukapjoni, għaliex din hija titlu oriġinali.[21] Il-Qorti tal-Appell tagħna irrimarkat, konformement ma' dan, "illi fl-azzjoni rei vindicatoria ma hijiex meħtieġa prova tal-għerq tat-titolu sa minn żmien Adam iżda huwa meħtieġ titolu oriġinali, bħal ma hija appuntu l-użukapjoni. It-titolu tal-atturi – il-kuntratti tal-1937 u 1938 li bih l-awtur tagħhom kiseb 'dirett dominju, proprjeta`u ċens (canone) – huwa biżżejjed titolu għall-għanijiet tal-użukapjoni bla ma hu meħtieġ li tmur lura fiż-żmien."[22] L-attur jista' jgħaqqad iż-żmien tal-okkupazzjoni tiegħu ma' dik tal-predeċessuri tiegħu fit-titlu.[23]

Ikkunsidrat:

Il-provi li ġew ippreżentati lill-Qorti huma verament skarsi, apparti li hemm ukoll provi kontradittorji. Il-konvenut ippreżenta provi li juru li la l-attur u lanqas id-dante kawża tiegħu ma kellhom il-pussess tal-bitħa. L-attur ġieb provi li meta xtara, xtara skont pjanta li kienet tinkludi l-bitħa b'aċċess esklussiv mill-garaxx tiegħu, liema aċess huwa għalaq fi żmien, mhux speċifikat, wara li xtara. Ma ta l-ebda raġuni l-għala għalaq dan l-aċċess. Għalhekk l-attur għalkemm ippreżenta titolu (l-att tax-xiri) komplut bil-pjanta li turi l-bitħa, ma ġieb l-ebda prova tal-

[19] Cass. 16.12.1981, n. 6666, GCM, 1981, 12 iċċitata minn Paolo Cendon, Il Diritto Privato nella Giurisprudenza (sena 2012), Vol III, Proprjeta`e Diritti Reali, paġna 104, 107
[20] Richard England v Joseph Muscat 29.10.2018 Qorti tal-Appell (Onor. G. Caruana Demajo, Onor. Noel Cuschieri, Onor. Anthony Ellul)
[21] op.cit., paġna 105
[22] England v Muscat suċċitata
[23] op.cit., paġna 106

pussess ta' dik il-bitħa paċifiku, kontinwu u mhux interrott, għal għaxar snin u in bwona fede minnu u/jew mill-predeċessuri tiegħu fit-titlu. Prova li kien marbut iġib indipendentement mid-difiża, jew aħjar difiżi, tal-konvenut li ddefenda ruħu bil-preskrizzjoni treġennali kif ukoll bil-preskrizzjoni tal-10 snin li tippresupponi wkoll titlu u bwona fede. Il-konvenut ma kellu għalfejn jipprova xejn, u għalkemm ikkontrappona d-difiża ta' titlu, xorta waħda, skont il-ġurisprudenza l-iktar riċenti, il-piż tal-prova ma jdurx fuqu. L-attur irid jipprova li hu sid xorta waħda, u minkejja li jitressaq dan it-tip ta' difiża. Sitwazzjoni li tista' ma tkunx ekwa – f'dan il-każ l-attur ippreżenta titlu u pjanta; il-konvenut m'għamilx l-istess – iżda li *purtroppo* ma tilħaqx il-livell għoli ta' prova rikjest fl-azzjoni rivendikatorja.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċiedi l-kawza ta' ritrattazzjoni, għal dik li hi l-parti rexxissorja tagħha billi tiċħad it-talbiet tar-ritrattat Carmenu Debono għal dikjarazzjoni li l-bitħa *de quo* hi proprjeta` tiegħu u għall-iżgumbrament minnha ta' Anton Grech.

Bl-ispejjez sew tal-kawża ritrattata, kif ukoll tal-kawża preżenti kontra Carmenu Debono.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA